**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 20 ta' Jannar, 2017

**Il- Pulizija**
**(Spt. Maurice Curmi)**

**-vs-**

**Carmela sive Carmen Zammit, detentrici tal-karta' tal-identita' bin-numru 471764M**

Kumpilazzjoni Nru. 1176/2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Carmela sive Carmen Zammit** u cioe` talli:

> Bejn Novembru, 2012 u April, 2014, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żmienijiet differenti, iżda li jikru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u li ġew magħmlua b'riżoluzzjoni waħda b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlet użu ta' ismjiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżitenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża; dwar ġrajja kimerika, għamlet qliegħ ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u ċjoe s-somma ta' ċirka €20,308 għad-detriment ta' Emanuel sive Noel, ID 31560(M), u Rita, konjugi Grixti, ID 418560(M), ai termini tal-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi appropjat ruħha billi dawret bi profit għaliha jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinjata lilha taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u ċioè s-somma ta' aktar minn €2,329.37 u ċioe` s-somma ta' ċirka €20,308 għad-detriment ta' Emanuel sive Noel ID 31560(M) u Rita konjugi Grixti ID 418560(M), ai termini tal-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Saret reċidiva b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti intalbet sabiex barra milli tapplika il-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputata tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikl1 532A, 532B u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tat-23 ta' Frar, 2015, permezz ta' liema baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:[1]

a) Fl-artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 18, 292, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputata ma kelliex oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:

Dan il-kaz jirrigwarda ghoti mill-partijiet lezi u cioe' il-konjugi Grixti, ta' diversi ammonti ta' flejjes tul medda ta' zmien. L-ammont li l-koppja Grixti tat lill-imputata kien ta' aktar minn €20,000.[2]

Illi **Rita Grixti** xehdet kif saret hbieb mal-imputata li kienet gara taghha u li kienet issejjah lilha nfisha 'Corinne' u qaltilha li hi <u>kienet surgent tal-</u>

[1] Fol.64
[2] Dok.MC1 hu lista ta' pagamenti, a.fol.24-25

pulizija li kienet tkun *security detail* mal-Prim Ministri Fenech Adami u Gonzi.[3]. Semmiet kif l-imputata kienet qaltilha li kien gie blukkat il-kont bankarju taghha u li ghalhekk hi sellfitha xi flejjes. Regghet selfet flus lill-imputata meta din qaltilha li kellha taghmel operazzjoni izda skoprew li dan ma kien xejn minnu.[4] Grixti tghid li meta infurmata li zewgha beda jinkwieta li ser jitlef xogholu l-imputata qaltilha li kienet taf b'xi vacancies mal-MITA wara li kienet giet avvicinata minn certu Dr Victor Ragonesi.[5] Ix-xhud li tghid li fdat lill-imputata peress li emmnet li kienet surgent tal-pulizija, bdiet tghaddi numru ta' pagamenti lill-imputata li skond din tal-ahhar kienu relatati mal-impjieg li zewgha kellu jircievi u li kien ser jiehu flusu lura meta jingahta l-impjieg.[6] Grixti pprezentat lista ta' pagmenti fl-ammont totali ta' €18,628 li fosthom jinkludu biljett tal-ajru ghal Dr Gonzi peress li l-imputata qaltilha li kien tiela Brussel sabiex jiffirma l-kuntratt li kien ser jibbenifika minnu zewgha! Il-Qorti tinnota li l-lista tinkludi ukoll self fl-ammont ta' €1,680. Minkejja li ghaddiet dawn il-pagamenti kollha u dan in konsiderazzjoni ta' dak li hemm msemmi fil-lista prezentata a fol.24 (ez. uniformi,[7] N.I., Social Services[8] etc.), ix-xhud tinsisti li fl-ebda hin ma kien hemm il-hsieb li dawn il-pagamenti kienu ntizi sabiex ixahhmu lil xi persuna biex jinghata impjieg zewgha anzi, *"Le dawn ha tippassjhom lil Dr Gonzi fuq ix-xoghol ta' Noel…. hi kienet tghid kollox by the book….. Bhala spejjez qatt m'ghamlet hekk no. ……Cash. Meta ridt intiha cekk darba minnhom mort biex intiha cekk u qaltli le cash…… wara xi sena u fuqhom ghidtilha insa' l-job u tina l-flus lura ma nistghux nibqghu sejrin…"*[9]

Illi xehed **Noel Grixti** li stqarr kif saru jafu lill-imputata, maghrufa bhala 'Corinne', li kienet tathom l-impressjoni li kienet Surgent tal-Pulizija.[10] Jiddeskrivi x'wassal sabiex jghaddu tant flejjes lill-imputata li kienet qaltilhom li *"tkellmet ma' Dr Carmelo Mifsud Bonnici u rrakomandani ma' xi hadd jekk ikun jaf xi haga u kkorrisponda mieghu Dr Ragonesi ghal post gewwa l-Mita fuq l-IT. Minn hemmhekk hi bdiet tghidilna li per ezempju rridu nhallsu xi flus biex ingibu l-licenzja, rrid special license, ahna tajnieha l-flus ghall-ispecjal license mbaghad bdew dehlin hafna affarijiet. Tant kien hemm affarijiet…….. iktar l'quddiem dahal Dr Gonzi, wara Dr Gonzi li kien spicca mill-Parlament li ridna nhallsu ghal xi safar habba li kien qieghed*

---

[3] Fol.26
[4] Fol.27
[5] Fol.28
[6] Fol.30-32
[7] Fol.30
[8] Fol.31
[9] Fol.32-33
[10] Fol.42

*jirraprezentana bhala avukat gewwa l-Unjoni Ewropea minhabba l-bicca tal-Mita ghax din dejjem gejja gejja, dejjem titwal, imbaghad baqghet sejra sentejn din il-bicca xoghol, jigifieri kien hemm hafna affarijiet, bdejna nhallsu xi flus fuq xi taxxa ghax jiena suppost kelli nkun impjegat diga' qieghed hemmhekk qaltilna pero ghadhom m'ghaddewx il-permessi u affarijiet hekk, u jiena nghidlek il-verita' dak iz-zmien kont qieghed ghaddej minn maltempata kbira ma nafx x'ha jigri minni jekk hinix ha nitlef ix-xoghol jew inhix ha nibqa', mbaghad ghal grazzja t'Alla sibt job iehor pero dan il-job baqa' ma gie qatt."*[11]

Ix-xhud ikompli jaghti aktar dettalji ghaliex issoktaw il-pagamenti lill-imputata: "..*Kien hemm zmien li qaltilna qed tikkuntattja lil Prim Ministru Dr Joseph Muscat u li kien hemm xi bidding u ahna bdejna nhallsu ghal xi bidding dik wahda minnhom li niftakar kont qieghed hemmhekk prezenti, u ohrajn daqqa rridu nhallsu ghal spejjez ta' avukati, daqqa ghas-social service biex inhallsu tas-social service..... darba minnhom qaltilna li kienu qeghdin meeting gewwa Kastilja u ghamlu xi faxes u kellna nhallsu anki tal-faxes. Dejjem tilghin l-affarijiet dejjem dejjem tilghin."*[12] Noel Grixti jikkorobora dak li xehdet martu meta jghid hekk dwar l-ingann perpetwat fuqu u fuq martu: *"Ghax hi kienet tghid li hi Surgent tal-pulizija u li kienet tifforma parti bhala bodyguard fil-Corp tal-bodyguards tal-Prim Ministru dak iz-zmien Dr Lawrence Gonzi..... Imbaghad wara qalet li Dr Gonzi kien qieghed f'kuntatt ma' Dr Michael Falzon tal-Malta Labour Party u li hi kellha kuntatt dirett li tkun tista' tibqa' affarijiet ma' Dr Joseph Muscat..... hi bdiet tghid li huma qeghdin jiehdu hsieb dawn l-affarijiet li huma tal-Mita ghax ghandhom x'jaqsmu mall-Unjoni Ewropea.".*[13] Jtemm ix-xhieda tieghu billi jghid li skoprew b'dan l-ingann meta is-Supretendent Martin Bayliss kien qalilhom li l-imputata kienet harget mill-Korp tal-Pulizija sa mill-2003.

Illi l-**Ispettur Maurice Curmi** ta rendikont tal-investigazzjoni kondotta minnu. L-imputata kienet irilaxxat stqarrija fejn ammetiet li dak li ghamlet kien dovut ghall-fatt li kienet pressata mill-flus u li ma kien hemm ebda xoghol ghall-parte leza.[14] Meta interrogata l-imputata kkonfermat li l-ammont kien ta' ftit anqas minn €20,000 *"..ma stajt qatt insib xoghol lil zewgha bil-mod kif kont nghidilha imma jien kelli bzonn il-flus u kien ghal dik ir-raguni li weghdtha x-xoghol."* Mistqosija ghaliex ma qalitx lill-verita' lil Rita Grixti jekk kienet bzonn tissellef xi flejjes tghid *"Stajt ippruvajt hekk*

---

[11] Fol.43
[12] Fol.44
[13] Fol.45
[14] Stqarrija esebita bhala MC4 a fol.51-53

*imma bzajt li jekk nghidilha l-verita` ma kienitx taqdini.".* L-imputata kienet anke qalet lill-ispettur li kienet lesta trodd lill-parte leza dak kollu li thallset fi zmien sitt xhur.[15] Dan kien fid-29 ta' Novembru, 2014.

Illi **Joseph Saliba** in rapprezentanza tal-ETC xehed li l-imputata kienet impjegata mal-Korp tal-Pulizija sas-7 ta' Lulju, 2003.[16]

Illi l-imputata tinsab akkuzata bir-reati ta' frodi u ta' approprijazzjoni indebita.

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Charles Cutajar**[17] fejn il-Qorti ghamlet studju funditus dwar l-elementi kostittutivi tar-reat previst bl-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali:

Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Charles Zarb**, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:

"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Franciz … Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi …..". Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.

Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.

Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:

a. b'mezzi kontra l-ligi, jew

[15] Fol.52
[16] Fol.67 et sea.
[17] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima; Deciza 23.03.2011

b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
c. ta' kwalifiki foloz jew
d. billi jinqeda b'qerq iehor u
e. ingann jew
f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,
g. jew ta' hila
h. setgha fuq haddiehor jew
i. ta' krediti immaginarji jew
j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. …."

Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi "hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "**Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech** (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."

Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi "kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."

"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewlieni fir-reat tal-frodi huwa "l'elemento del'danno patrimoniale" Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)

Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (**Il-Pulizija vs Patrick Spiteri**

deciza 22/10/2004) : "L'agente … deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."

Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza **Il-Puliizja vs Carmela German** (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): "Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta'l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonoqs milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."

Ghaldaqstant din il-Qorti trid tiddeciedi jekk mill-fattispecje ta' dana l-kaz il jezistux l-elementi legali rikjesti ghar-reat tat-truffa ai termini tal-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali.

Illi mir-rizultanzi processwali u fuq skorta tal-gurisprudenza enuncjata jirrizulta biss ir-reat previst bl-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali u cioe' il-frodi innominat. F'dan il-kaz ma jirrizultax li l-imputata ghamlet uzu ta' xi artifizji jew raggiri jew ta' xi apparat estern iehor li rrivesta bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri taghha biex jissusti ir-reat ta' truffa kkontemplat bl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Il-partijiet lezi ghazlu li jghaddu l-flejjes lill-imputata semplicement abbazi tal-gideb adoperat minnha. L-imputata sfruttat l-isfortuna ta' din il-koppja u rnexxilha tarrikixxi ruhha ghad-dannu tal-konjugi Grixti. Illi f'dana il-kaz hemm l-applikazzjoni tal-artikolu 310(1)(a) u dana billi l-ammont kien jeccedi €2329.37.[18]

Illi it-tieni imputazzjoni ingahtat bhala imputazzjoni alternattiva ghal dik ta' frodi, l-ewwel imputazzjoni. Ghaldaqstant il-qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

Illi gew esebiti zewg sentenzi datati is-6 t'April, 2009 u s-6 ta' Mejju, 2010 li fihom il-konnotati tal-imputata.[19] Ghalhekk l-addebitu tar-recidiva gie soddisfacentement pruvat ukoll.

---

[18] Il-piena qabel l-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-2014 kienet dik ta' bejn tlettax il-xahar u seba snin meta l-valur kien jeccedi €2329.37 (LM1000).
[19] Fol.55 et seq. u fol.58 et seq. rispettivament.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ma tistax tinjora l-fedina penali xejn felici tal-imputata li minkejja li ghal darbtejn l-imputata daqet l-inkarcerazzjoni wara li nstabet hatja fuq reati identici, huwa car kristall li l-Habs la serva ta' detterent u wisq anqas ta' ghodda riformattiva. Ghalhekk piena karcerarja hi l-unika piena idoneja.

Ghal dawn il-mottivi wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata hatja tal-ewwel imputazzjoni, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, u tikkundannaha ghal piena ta' 3 snin u disa xhur prigunerija.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Magistrat**